MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tad-29 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 206/2013

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Kevin Micallef**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Kevin Micallef bin John u Carmen nee Spiteri imwieled fil-15 ta' Novembru 1968 u joqgħod 48 'Winston' Triq il-Fliegu San Pawl il-Baħar u li għandu l-karta tal-identita' bin-numru 481868 (M)..

Akkużat talli għan-nom u in rappreżentanza ta' Miracles Holding Limited (C 17863) u / jew bħala persuna reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Miżjud, skont l-Att tal-1998 dwar Taxxa

fur il-Valur Miżjud (Att numru XXIII tal-1998) u r-regolamenti magħmula bis-saħħa tal-istess Att, fl-20 ta' Novembru, 2011, ġewwa Miracles Pub – Buġibba Square – Buġibba, naqas jew hu jew impjegati tiegħu jew xi persuna oħra li kienet qed taġixxi għan-nom tiegħu, li jagħti jew jipproduċi riċevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-ħtiġijiet speċifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud fuq bejgħ ta' provvista, skont il-kumpens lilu mħallas għal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 81 u 82 tal-Att Numru XXIII tal-1998.

U aktar talli fl-istess żmien u fl-istess post naqas jew hu jew l-impjegati tiegħu jew xi persuna oħra li kienet qed taġixxi għan-nom tiegħu li tagħti jew tipproduċi riċevuta ta' taxxa f'għamla li tiġi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fuq bejgħ ta' provvista, skont il-kumpens lilu mħallas għal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 82 tal-Att Numru XXIII tal-1998.

Rat is-sentenza tat-30 t'April, 2013 li biha l-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tagħha kkundannatu multa ta' disa' mitt Ewro (€900) waqt li peress li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva għall-ewwel waħda l-Qorti asteniet milli tieħu konjizzjoni tagħha.

Rat ir-rikors tal-appell intavolat fit-8 ta' Mejju 2013 bl-aggravju li ġej:

L-ispetturi tad-Dipartiment tal-VAT xehdu li fil-jum tal-ispezzjoni huma raw bejgħ ġo Miracles Pub li għalih ma nħarġitx riċevuta fiskali u qalu li l-appellant kien qed jaħdem quddiem laptop fil-ħanut. Skont dawn ix-xhieda l-appellant ma kienx ta kashom.

L-appellant jissottometti li dak in-nhar lanqas biss kkien preżenti għax huwa kien imsiefer f'Londra. Barra minn dan huwa dejjem saħaq mal-impjegati tiegħu sabeix jagħtu riċevuta fiskali sabiex huwa jkun jista' jikkontrolla x'bejgħ ikun sar.

Barra minn dan l-akkużat ma kien identifikat mill-ebda xhud u l-ewwel Qorti ma kkummentatx fuq dan il-punt minkejja li d-difiża għafset ħafna fuq dan il-punt.

L-appellant issottometta wkoll li s-sentenza moqrija fl-awla ma kenitx is-sentenza dattilografata li ngħatat id-difiża sabiex setgħet tħejji dan l-appell.

L-appellant talab li s-sentenza fl-ismijiet premessi tkun riformata billi filwaqt li tkun ikkonfermata f'dik il-parti fejn il-Qorti astenjiet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, tbiddilha u tħassarha fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni u fejn ikkundannatu jħallas multa ta' €900.

Ikkunsidrat

Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Semgħet ix-xhieda mill-ġdid u rat id-dokumenti ppreżentati.  Minnhom rriżulta dan li ġej:

Mid-dokument a fol 10 jidher ċar li l-appellant kien mela l-formola biex jirreġistra mad- dipartiment tal-VAT bħala direttur ta' Miracles Holdings Limited.

Mid-dettalji dwar il-kumpanija l-appellant huwa indikat bħala r-rappreżentant legali u segretarju tal-kumpanija.

Xehed Emanuel Darmanin li kkonferma li kien ippreżenta l-letter to prosecute, ir-registration form, u r-records tal-MFSA.

Xehdet Lorraine Galea li spjegat li fl-20 ta' Novembru 2011 huma kienu għamlu spezzjoni ġol-Miracles Pub ġewwa Buġibba.  Huma kienu raw ħafna bejgħ għaddej b'wieħed minnhom jammonta għal seba' Euros iżda riċevuta ma kenitx qed tingħata.  Ma kienx hemm cash register iżda meta ċċekkjaw sabu li l-appellant  kellu exemption u set' juża l-computerised system. Iżda lanqas din ma kienet qed tintuża.  Il-kollega tagħha kien kellem lill-appellant. Hija u l-kollega ma setgħux ikellmu lill-appellant minħabba li l-appellant kien x'ħin tidħol  fil-ġenb tal-bar. Il-kollega tagħha kien kellem lill-appellant iżda l-appellant ma kienx ikkopera u ħareġ ir-riċevut.

Fil-kontro-eżami, ix-xhud qalet li l-appellant ma kienx qed iservi n-nies.  Iżda l-appellant kien preżenti.  Il-kollega tagħha kien kellem lis-sid. Huma ma kinux kellmu 'l xi persuna oħra għaliex fuq il-post suppost li kien hemm cash register u lanqas ktieb tar-riċevuti. Huma jieħdu d-dettalji jekk

ikunhemm cash register u ma toħroġx ir-riċevuta. Huwa s-sidli jird jipprovdi dawn l-affarijiet. Hija kienet ċerta li kien hemm l-owner u hija kienet qed tagħrfu.

Xehed ukoll Klaus Farrugia, spettur fid-dipartiment tal-VAT. Hu u l-kollega kienu qagħdu josservaw u nnutaw li me kinux qed jinħarġu riċevuti, ma kienx hemm cash register u kienu qed jagħtu l-bqija mill-kexxun. Sadanittant kien hemm sinjur li ġibdu u staqsieh jekk kellhomx bżonn xi ħaġa. Huwa spjegalu li kienu marru biex jagħmlu l-x reading . Das-sinjur qallu li huwa kien Kevin Micallef u li kellem il-magna bil-ħsara.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li kien qed jagħraf lil Kevin Micallef. Huwa kien ċert li kien kellmu dak in-nhar tal-ispezzjoni. Ix-xhud insista li s-sistema komputerizzata ma kenitx qed tintuża. B'sistema komputerizzata xorta jibqa' d-dmir li toħroġ riċevuta. L-appellant kien qallu li ma kienx hemm għalfejn jagħtih l-x reading u stiednu jkellem lil ta' fuqu.

Intalab konfront bejn iż-żewġ xhieda preċedenti. Lorraine Galea baqgħet tinsisti li hemm bżonn li tinħareġ riċevuta. Qabel kienet spjegat li flok cash register tista' tintuża sistema komputrizzata li tkun approvata. Xorta trid tinħareġ riċevuta. Is-sistema xorta ma kenitx qed tintuża għax in-nies ma kinux qed jingħatw irċevuta.

Xehed ukoll l-appellant li kkonferma li huwa juża sistema komputerizzata. Il-klijent jieħu u jħallas wara. Huwa ma kienx jaf fi x'ħin marru l-ispetturi tal-VAT iżda lilu ma kellmuhx. Huwa lanqas biss juża laptop. Qal ukoll li jidhirlu li dak in-nhar ma kienx hemm. Żied jgħid li s-sistema waħidha toħroġhom ir-riċevuti u li jekk ma tagħmilx hekk, tiġġammja. L-appellant qal ukoll li f'Novembru ma jkunx hemm ħafna nies u stqarr li hu qatt ma kien ta struzzjonijiet biex ma jinħarġux riċevuti fiskali.

Fil-kontro-eżami l-appellant qal li hu ma kien ġab ebda prova li fil-jum imsemmi ma kienx hemm.

Ikkonsidrat.

L-ewwel parti tal-aggravju tal-appellant hija li f'dak il-jum tal-ispezzjoni huwa lanqas biss kien preżenti.

Din il-Qorti ma tantx tista' temmen din il-verżjoni tal-appellant. Mhux biss wieħed mill-ispetturi tal-VAT għarfu iżda wkoll l-appellant naqas li jġib xi prova li huwa kien imsiefer. F'mument minnhom

huwa qal '**Jidhirli** li ma kontx hemm.' L-appellant daqqa jgħid li ma kienx hemm u daqqa jgħid li 'jidhirlu' li ma kienx hemm.

Il-Qorti ssib li l-verżjoni tal-ispetturi hija ħafna aktar attendibbli minn dik tal-appellant.

Barra milli l-Qorti temmen li wieħed mill-ispettur kellem lill-appellant, skont id-dokumentazzjoni uffiċjali, huwa d-direttur tal-kumpanija u għalhekk huwa responsabbli għal dak li jkun qed isir kemm fil-preżenza tiegħu u kemm jekk mhux fil-preżenza tiegħu. Id-difiża possibbli taħt l-artikolu 82 jekk wieħed jipprova li ma kienx taf jew b'diliġenza raġonevoli ma setax isir jaf bl-għemil jew bin-nuqqas. Meta għaddej bejgħ kontinwament b'sistema li, kif allegat, ma kenitx qed taħdem, allura fil-post missu kien hemm il-manual receipt books. Dan id-dmir jaqa' fuq min imexxi. Minn dak li xehdu l-ispetturi, ma kienx hemm il-manual receipt books bħala alternattiva.

Il-Qorti hija wkoll moralment konvinta li kien qed isir bejgħ mingħajr ma jingħatw riċevuti.

Bħala parti mill-aggravju tal-appell hemm sottomissjoni li l-Qorti tal-Maġistrati ma tatx każ li l-imputat ma kienx identifikat mill-ispetturi.

Dan mhux eżatt għaliex il-Qorti tal-Maġistrati rrimarkat speċikatament dwar dan meta qalet:

'Illi fis-sottomissjonijiet magħmula mid-difiża ġie allegat li la darba l-imputat ma ġiex identifikat bħala l-persuna li l-ispetturi kellmu fuq il-post huwa għandu jiġi liberat.

Illi l-Qorti ma taqbilx ma' din it-teżi; skont l-artikolu 82 tal-kap 406 persuna rreġistrata mad-dipartiment tal-VAT hija responsabbli għal dak li jaghmlu l-impjegati tagħha sia jekk dan isir fil-preżenza tagħha jekk ma jsirx fil-preżenza tagħha.'

Minn din is-silta l-appellant seta' jinduna li l-Qorti tal-Maġistrati kkonsidrat sew is-sottomissjoni tad-difiża.

Il-Qorti tal-Maġistrati kienet korretta dwar din is-sottomissjoni għaliex dan ma kienx każ tagħrafx lill-imputat (illum appellant) jew le. Direttur ta' kumpanija ma jistax jeħles mir-risponsabilita' li tingabar il-VAT mill-impjegati tiegħu sempliċiment għax jgħid li l-ispetturi ma identifikawhx. Għall-ispetturi

huwa biżżejjed li jikkonvinċu lil din il-Qorti li kien qed isir bejgħ mingħajr ma tingħata r-riċevuta fiskali. Għal dan, direttur ta' soċjeta' kummerċjali jew għandu d-difiża kontemplati fl-artikolu 82 jew m'għandux. Ir-reati fiskali jew ir-reati ta' nuqqas ta' ħlas tal-assigurazzjoni tal-impjegati ma jiddependux fuq xi forma ta' identifikazzjoni.

Għalhekk din il-parti tal-aggravju qed tkun miċħuda wkoll.

L-appellant jissottometti wkoll li huwa ma kellux il-kopja dattilografata meta kiteb l-appell. Il-Qorti tifhem id-diffikoltajiet li jista' jkollha d-difiża jekk ma jkollhiex aċċess għal din il-kopja mill-ewwel iżda l-appellant kien preżenti fl-awla waqt is-smigħ tal-kawża u fuq iċ-ċitazzjoni stess hemm noti biżżejjed biex wieħed seta' jsejjes l-appell.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din il-parti tal-aggravju wkoll.

**Konklużjoni**

**Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-appell u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet premessi fit-30 t'April, 2013 fl-intier tagħha. Il-multa tista' titħallas fi żmien sitt xhur.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------